MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 373/2014

**Miriam Cutajar Fiorini [ID. Nru. 300564M]**

**Vs**

**James GRIFFITHS [ID. Nru. 288486M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-5 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf erba mija u wiehed u sittin euro u tnejn u sebghin ċenteżmi ta' euro [€1,461.72c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Illi l-intimat kien jikri minghand ir-rikorrenti l-fond 28, St. Catherine Street, Birzebbuga, u dan skont ftehim privat konkluż fid-9 ta' Mejju, 2009.

2. Illi skont l-istess ftehim privat, l-intimat kellu jhallas huwa stess il-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

3. Illi l-partijiet kienu kkonkludew installment agreement mal-ARMS Limited fit-2 ta' Frar, 2011, fejn l-intimat aċċetta li ghandu jhallas l-ammont ta' elf, erba mija u wiehed u sittin Ewro u tnejn u sebghin ċenteżmu (€1,461.72), rappreżentanti ammont dovut ghas-servizzi tal-eletriku ikkonsmat waqt il-kirja tal-intimat, u obbliga ruhhu li jhallas skont il-pjan miftiehem.

4. Illi nonostante dan, l-intimat baqa inadempjenti u dan minghajr raġuni valida fil-ligi.

Ghaldaqstant, titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont ta' elf, erba' mija u wiehed u sittin Ewro u tnejn u sebghin ċenteżmu (€1,461.72) lir-rikorrenti.

B'riserva ghal imghaxijiet ulterjuri, u bl-ispejjez inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qieghed jiġi preżentat kontestwalment ma' dan l-avviz".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-18 ta' Lulju, 2014 u li ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat fit-Talba huwa dovut mill-intimat ghal konsum ta' dawl u ilma tal-fond 102, gja 28, St. Catherine Street, Birzebbuga, liema fond huwa kien jikri minghand ir-rikorrenti, u li sallum hija ma rċeviet l-ebda hlas minghandu f'dan ir-rigward. Qalet li hija kienet qeghda thallas l-ammont

indikat fil-ftehim datat 2 ta’ Frar, 2011 u dan minkejja li l-intimat kien intrabat li jhallsu hu (dok. RB 2). Hija kienet qeghda taghmel hekk l-ghaliex il-kont tad-dawl u l-ilma fil-fond imsemmi kien jghajjat lilha.

Semgha x-xhieda ta’ Reuben Bonnici, rappreżentant tal-ARMS Limited li kkonferma li l-ammont dovut lis-socjeta minnu rappreżentata sal-bierah kien ta’ €2,049.99c. Qal li f’dan l-ammont hemm inkluż ukoll l-imghaxijiet fuq il-bilanc dovut lil ARMS Limited mir-rikorrenti, li fuqha huwa ntestat il-kont.

Ra li Dr. Ann Marie Spiteri ddikjarat li r-rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema talba t-Tribunal laqa’.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha x-xhieda;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta’ €1,461.72c rapprezentanti din is-somma hlas ghal konsum ta’

dawl u ilma maghmul mill-intimat tul il-perjodu li huwa ghamel jokkupa l-fond bin-numru 28, St. Catherine Street, Birzebbuga.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat minnha ta' elf erba mija u wiehed u sittin euro u tnejn u sebghin ċenteżmi ta' euro [€1,461.72c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat. Ir-rapprezentant tas-socjeta ARMS Limited Reuben Bonnici kkonferma li ghad hemm ammont pendenti mas-socjeta minnu rappreżentata fl-ammont ta' elfejn u disgha u erbghin euro u disgha u disghin ċenteżmi ta' euro [€2,049.99c] f'liema ammont hemm inkluż l-imghaxijiet.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-*

*subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat fit-18 ta' Lulju, 2014 u baqa ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Wara li semgha x-xhieda mressqa, u eżamina d-dokumenti esebiti, t-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mir-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf erba mija u wiehed u sittin euro u tnejn u sebghin ċenteżmi ta' euro [€1,461.72c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-9 ta' Mejju, 2009 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma kollha a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------